# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 7

It-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**7.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-06 u Laqgħa Pubblika.

**7.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 6 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**7.3.01** Ċirkulari 22/019 – Onorarju u Allowances, Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsilli, Ħinijiet tal-Laqgħat tal-Kunsill. Simplifikazzjoni ta' Ċirkularijiet u Direttivi.

**7.3.02** Direttiva 5/2019 – Revoka ta' Direttiva Numru 4/2019 u Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali.

**7.3.03** Direttiva 6/2019 – Procurement Plan

**7.3.04** Direttiva 7/2019 – Risk Assessment tal-Playing Fields Madwar Malta u Għawdex

**7.3.05** Email mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar inizzjattiva tas-Sindku s-Sur Mario Azzopardi, flimkien mal-President tar-Reġjun Għawdex Dr. Samuel Azzopardi, id-Dama Carmen Bellamy, Fundatriċi u Chairperson tal-Gozo CCU Foundation, qegħda tagħti b'donazzjoni Automated Exeternal Defibrillator (AED) lil kull Kunsill Lokali ta' Għawdex, sabiex din titwaħħal f'post li ikun frekwentat minn ħafna nies sabiex f'każ ta' emerġenza, dan l-apparat jiġu użat bil-għan li jsalva l-ħajja tal-persuna. Il-Kunsill iddeċieda li jaċċetta dan ir-rigal sabiħ u li din titwaħal mal-faċċata tal-Kunsill.

**7.3.06** Mistoqsijiet parlamentari numri 11959 u 12075 mingħand L-Onor. Chris Said dwar il-proġett tar-restawr tal-Fanal.

**7.3.07** Korrispondenza mingħand il-Maltapost dwar addendum mal-kuntratt biex il-kuntratt jiġi indefinit.

**7.3.08** Is-Segretarja tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem informat lill-Kunsill li hi taċċetta li tkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Għasri. Il-Kunsill approva lil din il-persuna għal dan il-pożizzjoni.

**7.3.09** Il-Kunsill ġie nformat mid-Direttur ta' Eco-Gozo li l-applikazzjonijiet tal-Għasri għar-restawr tat-taraġ ta' Wied il-Għasri u l-mithna ma ġewx aċċetati. Dan għaliex ġie deċiż li mhux eliġbli.

**7.3.10** Local Councils Procurement Policy Note LCPPN No. 11. Il-5% Contract Management Fee m'għandiex tiġi inkluża iżjed fil-kuntratti ġodda.

**7.3.11** Kwotazzjoni mingħand Band ewlenija għall-Traditions bl-ammont ta' €5,000. Gie diskuss il-possibilita' li l-attivita titella nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru peress li t-Tnejn 21 hija festa pubblika. Ma kienx hemm deċiżjoni dwar dan.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**7.4.01** Elizabeth Mintoff u Salvatore Felice Pace attendew laqgħa dwar fondi tal-Unjoni Ewropej. Waqt din il-laqgħa l-Kunsillier Salvatore Felice Pace iddiskuta ma membri tal-Friends of the Sick & Elderly li kienu preżenti għall-istess laqgħa il-possibilta li ssir laqgħa magħhom biex jiġi diskuss il-bżonnijiet fl-Għasri. Din il-laqgħa tista ssir qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**7.4.02** Salvatore Felice Pace ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Isqof dwar il-possibilta li jsir tisbieħ u apparat ġdid fl-area ta madwar il-knisja. Il-Kunsill qabel ma din il-laqgħa. Is-Sur Pace għandu jieħu ħsieb biex jagħmel appuntament.

## 7.5 Gozo Tourism Awards 2019;

**7.5.01** Il-Kunsill ġie magħżul sabiex jieħu sehem fil-Gozo Tourism Awards 2019 taħt il-kategorija "Cultural/Social Tourism Achievement Award 2019. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jidhol għal din in-nominazzjoni bl-attivita tat-*Traditions: Wine, Olive Oil & Honey*. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkun nominata bhala organizzatur f'isem il-Kunsill.

## 7.6 Kwotazzjonijiet;

**7.6.01** Fondi tal-LESA: tranġar tal-latrina pubblika; - Din ġiet estiża għall-laqgħa li jmiss peress li ma kienx hemm kwotazzjonijiet mitfuħa.

**7.6.02** Laptop. Il-Kunsill ġie mitlub li jipprovdi laptop sabiex ikun jista jsir s-servizz tal-Video on Demand tal-laqgħat tal-Kunsill. Għal dan il-għan il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel l-aktar wieħed vantaġġjuż.

## 7.7 Attivitajiet tal-Milied:

**7.7.01** Ikla għal-perunsi li jinsabu waħedhom. Inkitbu madwar 16-il persuna għal din l-Ikla. Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff qed tikkoordina din l-ikla. Hi

qalet li kull ma ser tinfoq fuq ikel huwa madwar €50 għall-laħam. Il-Kunsill ser iħallas din l-ispiża.

**7.7.02** Ħarġa għat-tfal. Din ser issis nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru. Inkitbu madwar 30 persuna.

**7.7.03** Serata (plays u żfin). Din l-attivita ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru fis-sala tal-MUSEUM fi Triq il-Knisja. Wara ser ikun hemm bibita.

**7.7.04** Ħarġiet/attivitajiet oħra. Nhar il-Ħadd 15 ta' Dicembru saret ħarġa fejn kien hemm żjara fil-Villa Rundle u Bethlehem f'Għajnsielem.

Il-Ġimgħa saret għall-ewwel darba "Carol Singing with a Difference" fil-knisja tal-Għasri organizzata mill-Kunsillier Salvatore Felice Pace. Din kienet suċċess.

Il-Kunsilliera qablu li l-ikla tal-Kunsill isir nhar is-Sibt 4 ta' Jannar.

## 7.8 Contract Manager mal-Kunsill.

**7.8.01** Il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Contract Manager mal-Kunsill. Il-Kunsilliera għażlu l-aktar waħda vantaġġjuza li hija ta' €36 fil-ġimgħa.

**7.8.02** Il-Kunsill approva ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla għas-servizz ta' perit mal-Kunsill.

## 7.9 Resurfacing ta' Triq Wied Sara.

**7.9.01** Il-Kunsill iffirma kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex biex isir resurfacing ta' Triq Wied Sara. Il-Kunsill ser jingħata fondi għax-xogħol ta' resurfacing iżda mhux għall-perit u xogħlijiet tal-ilma. Il-Kunsill ser jibda jipprepara d-dokumenti tal-offerta.

## 7.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;

**7.10.01** Quddiem il-Kunsill tresqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-07 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7.110 Mozzjonijiet.

**6.11.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 7.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**7.12.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:25 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar fis-6:00 p.m.

Konfermati, it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019

**FIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv